# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 13**

**Avviz numru 255/02/SM**

**JP Advertising Limited**

**vs**

**Dario Azzopardi f'ismu propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' PC Expert**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut proprio et nomine ghall-hlas tas-somma ta' elf tmien mija u erba' u tletin Liri Maltin u sbatax-il centezmu (LM1,834.17,0) rappresentanti servizzi u spejjez ta' reklamar u artwork rezi mis-socjeta' attrici fuq ordni ta' l-istess konvenuti u dan kif jidher mill-anness statement immarkat dokument A;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-15 ta' Mejju tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut proprio et nomine.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**